MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Numru. 957/2002

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)
vs
Maria D'Amato

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija Maria D'Amato, bint Joseph D'Amato u Catherine nee' Grixti, detentrici tal-karta tal-identita Maltija 811858M; li permezz taghhom hija giet akkuzata talli gewwa il-Belt Valletta bejn it-3 ta' Ottubru 1998 u l-5 ta' Awissu 2000, bhala il-propjetarja jew amministratura responsabbli jew konsumatura tal-fond u cioe' Numru 8 it-Telgha ta' Liesse a il-Belt Valletta, b'mezzi qarrieqa li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl, tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk ikkommetta serq ta' dawl elettriku ta' LM291,71.08 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalfikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur dan ai terminu tal-

Artikolu 261, 263, 254(2), 267, 270 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi twiegeb li ma kellha l-ebda oggezzjoni illi l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha illi gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputata volontarjament tirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dana waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu, 2003 meta kienu qeghdin isirulha l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputata fuq imsemmija ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha issib lill-istess imputata hatja ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261, 261(b), 261(c), 261(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280 u 283 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat ferm mieghu matul l-investigazzjonijiet, il-fatt illi l-imputata irregistrat ammissjoni, kif ukoll il-fatt illi skond ix-xhieda ta' Silvio Decelis, Administrative Officer mal-Korporazzjoni EneMalta, l-imputata waslet fi ftehim mal-Korporazzjoni EneMalta illi thallas l-ammont kollha dovut minnha lill-istess Korporazzjoni EneMalta u effettivment l-imputata diga hallset l-ewwel pagament ta' erbghin lira u intrabet illi fi zmien tmien xhur minn Marzu ta' din is-sena tkun hallset l-ammont kollu dovut minnha lill-Korporazzjoni EneMalta;

Ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputata, kif ukoll ghas-socjeta' in

generali jekk l-istess imputata tinghata opportunita ohra illi ghandha tkun l-ahhar opportunita sabiex l-istess imputata tirriforma hajjitha u taqbad it-triq it-tajba u ghalhekk wara illi l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi tilliberaha, tobbligaha illi ma taghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghha skond il-Ligi jekk taghmel xi reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kondizzjoni.

Finalment il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 u tordna lill-hatja sabiex fi zmien xahar minn meta tigi hekk interpellata biex taghmel mir-Registratur Qrati Kriminali thallas l-ispejjez kollha li kellhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti f’dan il-kaz.

-------------------------------TMIEM-------------------------------